# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Gunju 2016**

**Numru 18**

**Rikors numru 640/09 AL**

**A.J.D. Tuna Limited (C26300)**

**v.**

**Gerald Jean Lubrano**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat li ressqet is-socjeta` attrici fl-1 ta' Lulju, 2009, li jaqra hekk:

> "1. Illi s-socjeta' rikorrenti hija kreditrici tal-intimat fis-somma ta' erba' mitt elf Euro (€400,000) kwantu flejjes avvanzati lill-intimat mis-socjeta' rikorrenti esponenti, liema flejjes u somma dovuta kellha tithallas permezz ta' hlasijiet fit-30 ta' Gunju, 2006, fil-11 ta' Marzu, 2007, fil-11 ta' Marzu, 2008 u fil-11 ta' Marzu, 2009, liema hlasijiet izda baqghu ma sarux mill-intimat bil-konsegwenza li l-ammont kollu avvanzat mis-socjeta' rikorrenti esponenti huwa illum dovut flimkien mal-imghaxxijiet dekorribbli mid-dati miftehma ghal kull hlas sal-effettiv pagament tas-somma kollha llum dovuta;

> "2. Illi s-socjeta rikorrenti esponenti ghamlet diversi talbiet ghall-hlas tal-ammont dovut illum ossija l-ammont fuq imsemmi ta' erba' mitt elf Euro (€400,000) kemm bil-kitba u kemm verbali izda l-intimat qieghed

jahrab mill-obbligu tieghu tal-hlas u qieghed jinjora t-talbiet varji li sarulu u qeghdin isirulu u sahansitra llum lanqas ma huwa jwiegeb ghat-telefonati li jsirulu minn rapprezentanti tas-socjeta' esponenti rikorrenti fuq in-numru tat-telefon cellulari tieghu;

"3. Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza sabiex jigi kkanonozzat l-imsemmi kreditu ta' erba' mitt elf Euro (€400,000) favur is-socjeta' rikorrenti esponenti flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza u data miftehma ghall-hlas sal-effettiv pagament tal-ammont u dan flimkien mal-ispejjez gudizjarji inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li l-hrug tieghu qieghed jigi mitlub kontestwalment ma dan ir-rikors;

Ghalhekk l-esponenti socjeta rikorrenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi joghgobha:

(1) Tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' erba' mitt elf Euro (€400,000) kwantu flejjes avvanzati lill-intimat mis-socjeta' rikorrenti esponenti, liema flejjes u somma dovuta kellha tithallas permezz ta' hlasijiet fit-30 ta' Gunju, 2006, fil-11 ta' Marzu, 2007, fil-11 ta' Marzu, 2008 u fil-11 ta' Marzu, 2009, liema hlasijiet izda baqghu ma sarux mill-intimat bil-konsegwenza li l-ammont kollu avvanzat mis-socjeta' rikorrenti esponenti huwa llum dovut u ezigibbli;

Bl-imghaxxijiet legali mid-data ta' kull skadenza u data ghall-hlas ta' partijiet mill-ammont dovut sa l-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju li l-hrug tieghu qieghed jigi mitlub kontestwalment ma dan ir-rikors, kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni;"

Rat ir-risposta guramentata ta' Dr. Matthew Brincat, debitament awtorizzat jikkonferma ghall-konvenut Gerald Lubrano, li in forza taghha eccepixxa:

"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-att u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez fil-konfront tas-socjeta' attrici;

"2. Illi jigi eccepiet in-nullita tal-azzjoni stante illi kif patwit bejn il-partijiet skont skrittura datata 11 ta' Marzu 2006 il-partijiet qablu illi kull litigazzjoni tkun riferuta lil Kamra tal-Kummerc tal-Libya u kull interpretazzjoni tal-istess kuntratt tkun skont il-Ligi u gurisprudenza tal-Ligi Libjana ai temini tal-Klawsola hdax (11), klawsola li tiddetermina l-gurisdizzjoni fejn setghet ssir kull azzjoni ta' litigazzjoni bejn il-partijiet;

“3. Illi kull interpellanza fil-gurisdizzjoni Maltija hija vessatorja u irregolari aktar u aktar meta ma sar ebda tentattiv fil-gurisdizzjoni maghzula u patwita bejn il-partijiet;

“4. Il-konvenut ma jismux Gerald Jean Lubrano, izda Gerald Lubrano;

“5. Illi ghaldaqsent din l-Onorabbli Qorti ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici;

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat is-sentenza preliminari tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tat-30 ta’ Marzu, 2012, li in forza taghha dik il-Qorti iddecidiet it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut billi laqghathom u cahdet it-talbiet tal-attrici, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Illi din il-kawza tittratta talba ghall-kundanna kontra l-konvenut ghas-somma ta’ erba’ mitt elf Euro (€400,000) li jirrapprezentaw flus avvanzati lilu mis-socjeta’ attrici bl-imghax u bl-ispejjez legali.

“Illi l-konvenut eccepixxa fost eccezzjonijiet ohrajn in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti stante li skont skrittura datata 11 ta’ Marzu 2006 il-partijiet kienu qablu illi kull litigazzjoni tkun riferuta lil Kamra tal-Kummerc tal-Libya u kull interpretazzjoni tal-istess kuntratt tkun skont il-Ligi u gurisprudenza tal-Ligi Libjana.

“Illi l-Qorti tirrileva illi l-iskrittura privata imsemmija u li tinsab esebita a fol. 13 tal-process giet iffirmata bejn Charlie Azzopardi ghan-nom tas-socjeta’ attrici u Patron Group Ltd ghan-nom ta’ Manarat Ashel for Fishery li hija kumpanija Libjana, izda il-Qorti tirrileva illi l-konvenut huwa firmatarju fuq din l-iskrittura u l-pagament ta’ erba’ mitt elf ewro (€400,000) lill-istess konvenut huwa regolat mill-istess skrittura. Il-Qorti tirrileva ukoll illi li kieku l-konvenut ma kienx partecipi ghall-istess skrittura, wiehed jista’ jifhem li l-konvenut ma kienx konxju mill-pattijiet u l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-istess skrittura, izda dan certament mhuwiex il-kaz stante li l-konvenut huwa firmatarju fuq l-istess skrittura. Kif jghid tajjeb il-konvenut, jekk is-socjeta’ attrici hasset li l-konvenut ma

kellux ikun parti mill-iskrittura u ma kellux ikun marbut bl-istess, allura l-istess konvenut ma kellux jiffirma l-iskrittura. Minn naha taghha, s-socjeta' attrici tikkontendi illi l-obbligi tal-konvenut versu is-socjeta' attrici jemanu minn obligazzjoni kummercjali li hija totalment indipendenti mill-iskrittura tal- 11 ta' Marzu 2008, izda is-socjeta' attrici naqset milli tipproduci il-prova f'dan ir-rigward.

“Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u cioe' in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti biex tisma u tiddeciedi il-kaz, il-Qorti rat illi il-klawsola numru 11 tal-iskrittura esebita a fol 15 tal-process tghid hekk:

> “The agreement is being drawn up in three copies two in English and one in French and it is agreed that any interpretation of any of these clauses in this Contract shall be in terms of Libyan Law and jurisprudence or under arbitrar of Libyan Chamber of Commerce”.

“Ikkunsidrat :

“Illi din il-klawsola hija wahda cara u ma thalli ebda ombra ta' dubju dwar l-intenzjoni tal-partijiet, u cioe' dik li, f'kaz ta' nuqqas ta' qbil dwar l-interpretazzjoni ta' xi klawsola tal-istess ftehim, tkun il-Ligi u l-gurisprudenza Libjana li tirregola l-istess ftehim jew, tali disgwit jigi deciz minn arbitru tal-Kamra tal-Kummerc Libjan. F'dan l-istadju huwa opportun li ssir referenza ghall-principju legali pacta sunt servanda u ghall-Artikolu 992 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> “(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom.
>
> “(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi”.
>
> “Illi ai termini tal-istess Artikolu, il-Qorti ser tara il-gurisprudenza relattiva ghall-principju hawn fuq imsemmi, fosthom:

- “Grace Spiteri vs Carmel sive Lino Camilleri et (deciza nhar it-30 ta' Mejju 2002 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili) fejn gie ritenut li “Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa…li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda”;

- “Onor. Edgar Cuschieri nomine vs Perit Gustavo R. Vincenti (deċiża nhar it-13 ta' Frar 1950 mill-Qorti tal-Appell) fejn gie dikjarat li “gjaladarba kuntratt ghandu forza ta' ligi bejn il-partijiet li jaghmluh, l-interpretazzjoni tieghu tinnecessita li wiehed jestraja minnu, skont ir-regoli maghrufa, l-volonta komuni reali konsegwita mill-kontraenti”;

- “Eric Schembri et nomine vs Lewis Baldacchino (deciza nhar il-11 ta' Novembru 1997 mill-Qorti tal-Appell)

"u

"Raymond Vella, Joseph Vella vs Neil Duffy, Kim Duffy (deċiża nhar it-22 ta' Lulju 2010 mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar) fejn gie ritenut li "l-qofol u pediment ta' kull ligi li qatt saret biex tirregola l-konvivenza socjali bbazata fuq l-obligazzjoni sa' mill-bidu, cioe' ir-rationalis principium, huwa l-pacta sunt servanda";

- "Frank Salt Real Estate Limited vs Edward Anthony Ellul Sullivan f'ismu proprju u in rapprezentanza tas-socjeta' Sullivans Limited (deċiza nhar it-8 ta' Jannar 2010 mill-Qorti tal-Appell), fejn, b'referenza ghal Artikolu 992 tal-Kap. 16 citat aktar 'il fuq, gie ritenut li "strettament u korrettement interpretat, b'dan il-provvediment il-ligi tenfasizza l-kuncett illi dak il-kuntratt ma jistax jigi rizolut, in linea ta' principju, bis-semplici volonta' unilaterali u ta' xi parti kontraenti, u in effetti, l-istess provvediment jissokta jipprovdi illi l-kuntratt ma jistax jigi mhassar hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin fil-ligi".

"Illi il-Qorti tara illi m'ghandhiex ghalfejn tidhol f'aktar dettal dwar l-intenzjoni tal-partijiet fil-kaz odjern u dwar kif tali intenzjonijiet ghandhom jigu rispettati, u dan ghaliex il-klawsola numru 11 tal-iskrittura privata hija cara u ma thalli ebda ombra ta' dubju dwar il-fatt li l-partijiet dejjem kellhom l-intenzjoni li tali skrittura tigi interpretata u, f'kaz ta' disgwit, tigi applikata minn arbitru tal-Kamra tal-Kummerc Libjan. Dwar klawsoli li jeskludu l-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji, l-Qrati taghna kellhom diversi opportunitajiet sabiex jaghtu l-interpretazzjoni u decizjonijiet, fosthom il-kawza fl-ismijiet Calibre Industries Ltd Vs Muscat Motors Ltd deciza nhar il-25 ta' Frar 2005 mill-Qorti tal-Appell fejn gie dikjarat li:

> "Il-principju tal-eskluzzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji huwa ben accettat u rispettat inkwantu dan huwa espressjoni tal-volonta` tal-kontraenti li ghal kull fini u effett tal-ligi jammonta ghal-ligi bejn l-istess partijiet" u gie dikjarat ukoll li madanakollu, "jkun hemm cirkostanzi meta, bl-agir ta' parti, id-dritt tal-parti l-ohra li tottieni sodisfazzjon ghall-pretensjonijiet taghha permezz tal-intervent tal-arbitri skont ma jkun provdut fil-kuntratt, jigi stultifikat. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qrati dejjem sostnew li l-parti interessata ghandha dritt li tirrikorri lill-Qorti".

"Il-Qorti tirrileva li s-socjeta' attrici ma gabet ebda prova sabiex twaqqa' l-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji u ma werietx li hemm cirkustanzi tali li jaghtu lok ghal din il-qorti sabiex tisma u tiddeciedi l-kaz. Ghalhekk, ai termini tal-istess kawza msemmija fil-paragrafu precedenti, u in sostenn tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq relatata mal-principju tal-pacta sunt servanda, l-ftehim bejn il-partijiet huwa vinkolanti bejniethom u ghalhekk, it-tieni eccezzjoni qeghda tintlaqa mill-Qorti.

"Ikkunsidrat :

"Illi dwar it-tielet eccezzjoni, u cioe' li ma sar ebda tentattiv fil-gurisdizzjoni maghzula u pattwita bejn il-partijiet da parti tas-socjeta' attrici, il-Qorti tirrileva wkoll li l-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-qrati ordinarji m'hijiex wahda assoluta, specjalment meta ma jkunx possibbli li l-arbitragg bejn il-partijiet isir. F'dan l-istadju, il-Qorti tirreferi ghall-kawza fl-ismijiet Calibre Industries Ltd v. Muscat Motors Limited deciza nhar il-25 ta' Frar, 2005 mill-Qorti tal-Appell Civili fejn gie ritenut li:

> "arbitragg ma jistax isir jekk iz-zewg partijiet ma jikkollaborawx ghall-esekuzzjoni tieghu u kwindi l-atturi wahedhom zgur ma setghux jaghmlu dan u fil-fehma tal-Qorti ma setghux jaghmlu haga ohra hlief jistitwixxu l-kawza fejn allura l-konvenuti kellhom bil-fors jirrispondu"

"Illi dik il-Qorti ghamlet referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet Gatt vs Facchetti deciza nhar l-10 ta' Ottubru 2003 mill-Qorti tal-Appell "favorevolment ghall-attur ghaliex il-Qorti dehrilha li l-konvenut ma kienx ta' kaz ghall-interpellazzjonijiet tal-attur li allura ma kellu ebda alternattiva ohra hlief li jiftah il-kawza".

"Illi, ai termini tal-gurisprudenza citata, ghalhekk jfisser li kieku s-socjeta' attrici gabet prova li ghall-anqas ghamlet tentattiv sabiex tiehu d-disgwit bejn il-partijiet quddiem il-fori pattwiti bejn il-partijiet (u li ghalihom il-konvenut kien partecipi u l-obbligazzjonijiet u l-pattijiet tieghu huma naxxenti mill-istess skrittura kif diga' diskuss aktar 'il fuq), allura il-Qorti kienet tikkunsidra tali interpellazzjonijiet u tasal ghall-konkluzjoni u d-decizjoni taghha dwar jekk interpellazzjonijiet iwasslux ghall-eliminazzjoni ta' dik il-klawsola, izda dan is-socjeta' attrici m'ghamlitux.

"Illi ghalhekk, il-Qorti qeghda tilqa' wkoll it-tielet eccezzjoni mressqa mill-konvenut."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li bis-sahha tieghu u ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet illi din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti tat-30 ta' Marzu, 2012, kwantu din laqghet it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-intimat appellat, riferibilment ghan-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin, u ghalhekk cahdet it-talba tas-socjeta` rikorrenti, u minflok tichad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-intimati appellat, tirrimetti lura l-kawza fl-ismijiet premessi lill-ewwel Qorti

sabiex din tkompli tismaghha u tiddeciediha kwantu ghall-mertu, u dan bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi a kariku tal-intimat appellat.

Rat li ghalkemm Dr. Matthew Brincat kien notifikat bir-rikors tal-appell, ma saret ebda risposta tal-appell.

Rat il-verbal tat-2 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu Dr. Matthew Brincat irrileva illi n-notifika ma saritx skont il-ligi, peress li minflok gie notifikat l-appellat Gerald Jean Lubrano, gie notifikat hu personalment, u dan riferribilment kemm ghar-rikors tal-appell kif ukoll ghall-avviz tal-appuntament tal-appell.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mill-partijiet fir-rigward.

Rat il-verbal tal-15 ta' Marzu, 2016, u d-dokumenti esebiti minn Dr. Matthew Brincat.

Rat in-nota ta' riljevi mressqa mis-socjeta` appellanti ghan-nota ta' sottomissjonjiet ta' Dr. Matthew Brincat.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet, li fis-seduta tat-3 ta' Mejju, 2016, ittrattaw l-appell, li gie differit ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkonsidrat:

Illi l-ewwel punt li ghandu jigi ttrattat huwa dak dwar in-notifika tal-appellat hekk kif imressaq mid-difensur tieghu. Din il-Qorti tirrileva li fil-kawza in prim'istanza l-istess difensur ma deherx biss bhala avukat tal-konvenut, izda ikkonferma r-risposta bil-gurament ghall-istess konvenut Gerald Lubrano fit-30 ta' Ottubru, 2009. Tul dawk il-proceduri qatt ma tqajjem il-punt li l-istess difensur ma kellux is-setgha li jidher ghall-istess Lubrano. Ghalhekk kien ghal kwantu logiku li l-appellanti tinnotifika lil Dr. Brincat bir-rikors tal-appell taghha, liema rikors jirrizulta debitament notifikat u accettat fit-23 ta' April, 2012. Dr. Brincat irrileva l-kwistjoni ta' regolarita` o meno tan-notifika fis-seduta tat-2 ta' Frar, 2016. Fin-nota tieghu, id-difensur tal-konvenut, filwaqt li jannetti numru ta' dokumenti bil-lingwa Franciza (u minghajr traduzzjoni tal-istess), jirrileva li peress li l-konvenut kellu proceduri fi Franza dwar l-istat ta' falliment tieghu, sa mill-15 ta' April, 2011, kull inkarigu precedenti li seta' kellu llum huwa terminat, peress li kellu jigi notifikat bil-proceduri l-amministratur Franciz, li llum igawdi r-rapprezentanza tal-istess Gerald Lubrano. Jissottometti li kienet l-appellanti li naqset meta, ghalkemm edotta bil-proceduri ta' falliment, ma nformatx lill-istess amministratur.

Jigi rilevat li mill-atti, ma jirrizultax li effettivament l-appellanti kienet edotta mill-procedimenti ta' falliment kif jittanta jghid id-difensur tal-appellat, kif lanqas jidher li kien infurmat l-istess difensur tal-konvenut, altrimenti wiehed ma jistax jispjega kif intlaqghet in-notifika tar-rikors tal-appell u tal-avviz ghas-smigh tal-appell fil-proceduri odjerni. Il-fatt li s-socjeta` attrici A.J.D. Limited ma gietx inkluza fil-lista ta' kredituri tal-konvenut Lubrano, huwa nuqqas tal-istess Lubrano, liema nuqqas is-socjeta` appellanti m'ghandhiex tbati l-konsegwenzi tieghu f'din il-kawza. Lanqas ma jirrizulta li l-istess Lubrano informa lill-amministratur gudizzjarju Franciz bil-proceduri odjerni, li ghandu jkun ritenut bhala nuqqas iehor tal-istess Lubrano. Konsiderazzjoni ohra li ghandha ssir hija dik li jqajjem id-difensur tal-appellanti, fis-sens li jekk kemm-il darba l-konvenut ried jittermina l-mandat li nghata lil Dr. Brincat fil-proceduri odjerni, kellu wkoll l-obbligu li jgharraf lit-terzi (bhall-appellanti f'din il-kawza), altrimenti t-terminazzjoni tal-mandat ma jkollu ebda effett fir-rigward tat-terzi, jekk dan il-fatt ma jigix mgharraf lilhom meta jsehh.

Inoltre, kif sewwa jirrileva d-difensur tal-appellanti, l-istess Artikolu 15 tar-Regolament Numru 1346/2000 tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropeja jipprovdi li "*The effects of insolvency proceedings on a lawsuit pending concerning an asset or a right of which the debtor has been divested shall be governed solely by the law of the Member State in which that lawsuit is pending."* Isegwi li l-proceduri ta' falliment tal-konvenut fi

Franza m'ghandu jkollhom ebda effett fir-rigward tan-notifika regolari li saret lir-rapprezentant *ad litem* f'din il-kawza. Tajjeb li jinghad ukoll li d-difensur tal-appellat qatt ma irrinunzja ghall-inkarigu li qal li kellu minghand il-konvenut.

Ghalhekk ma jirrizultax li dan l-ilment tal-appellat huwa misthoqq jew li ghandu jkollu effett fuq in-notifika tar-rikors tal-appell u tal-avviz tas-smigh tal-appell fil-proceduri odjerni.

Issa li gie trattat dan l-ilment, jista' jsir ezami tal-mertu tal-appell kif imressaq mis-socjeta` appellanti. Ghandu jinghad mal-ewwel illi din il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel parti tal-aggravju kif imressaq mis-socjeta` appellanti, fis-sens li f'ghajnejn din il-Qorti, ghalkemm il-kuntratt tal-11 ta' Marzu, 2006, fil-parti preliminari jidentifika zewg komparenti, senjatment A.J.D. Tuna Limited u Patron Group Limited ghan-nom ta' Manarat Ashel for Fishery, madankollu fil-parti sostantiva tal-istess kuntratt jissemmew kemm l-obbligi bejn dawn iz-zewg partijiet, kif ukoll dawk bejn A.J.D. Tuna Limited u l-konvenut Gerald Lubrano, li kif irrilevat l-ewwel Qorti jirrizulta firmatarju fuq l-istess kuntratt. Ladarba l-konvenut Lubrano kien wiehed mill-kontraenti fuq l-istess kuntratt, d-dispozizzjonijiet rizultanti mill-istess kuntratt ghandhom effett fuq il-partijiet firmatarji fuq l-istess kuntratt. Din il-Qorti taqbel ukoll ma' dak espost mill-ewwel Qorti in kwantu ghall-principju ta' *pacta sunt servanda*

u mar-rassenja ta' gurisprudenza hemm migbura. Ghalhekk dan il-parti tal-aggravju ma jirrizultax li ghandu jintlaqa'.

Fit-tieni parti tal-aggravju tal-appellanti, jinghad li din il-Qorti tgawdi mill-gurisdizzjoni mehtiega biex tiddeciedi l-mertu tal-kawza u li mhijiex eskluza bl-ebda mod milli tiddetermina l-obbligu ta' hlas da parti tal-intimat appellat lill-appellanti, li huwa naxxenti minn obbligazzjoni kummercjali semplici. Sabiex jigi trattat dan l-aggravju u peress li kif intqal qabel, il-kuntratt tal-11 ta' Marzu 2006, huwa dak li jirregola l-obbligi kuntrattwali bejn il-partijiet, jehtieg li ssir analizi tal-fatti rizultanti mill-kuntratt partikolari vinkolanti bejn il-partijiet, kif ukoll tal-klawsola partikolari li fuqha tissejjes it-tieni eccezzjoni tal-appellat.

Mill-fatti rizultanti minn ezami tal-kuntratt in kwistjoni, ma jirrizultax fejn gie konkluz il-kuntratt tal-11 ta' Marzu, 2006, madankollu il-ftehim jahseb ghall-bejgh ta' tonn li jinqabad f'ibhra territorjali Libjani. Mill-artikolu 4 tal-ftehim jirrizulta li l-hlas li kellha taghmel l-appellanti lill-bejjiegha kellu jsir f'kont f'Malta, il-hut kellu jigi kkonsenjat f'Malta, filwaqt li bhala garanzija tal-obbligi tas-socjeta` rikorrenti din ghamlet depozitu kemm favur is-socjeta` Libjana Manarat kif ukoll favur il-konvenut Gerald Lubrano, residenti fi Franza. L-istess kuntratt kien jistipula kif kellhom jintraddu lura dawn il-flus depozitati, kemm minn Manarat, kif ukoll Lubrano, izda mhux fejn kellhom jintraddu lura dawn

il-flus minn Lubrano lis-socjeta` appellanti, li ndubbjament hija kumpanija registrata Malta.

Il-klawsola relevanti ghall-eccezzjoni tal-appellat tipprovdi hekk:

> "11. *This agreement is being drawn up in three copies two in English and one in French and it is agreed that any interpretation of any of these clauses in this Contract **shall** be in terms of Libyan Law and jurisprudence **or** under arbitrar of Libyan Chamber of Commerce*".

Minn qari ta' din il-klawsola, huwa meqjus illi filwaqt li l-ghazla tal-ligi applikabbli ghall-kuntratt hija tassattivament dik Libjana, peress li tintuza l-kelma "shall", ma jistax jinghad l-istess ghall-gurisdizzjoni peress li tintuza l-kelma "or". L-ghazla tal-ligi applikabbli ghall-interpretazzjoni tal-kuntratt u l-gurisdizzjoni huma zewg affarijiet separati. Kif ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu, 2015, fl-ismijiet **Maltrad (Holdings) Limited v. Norbert Coll**:

> "*Ic-choice of law clause hija pero`, differenti mic-choice of jurisdiction clause, u meta partijiet fuq kuntratt ma jiftehimx fuq gurisdizzjoni, l-ghazla ta' ligi applikabbli hi biss wahda mill-fatturi li jridu jittiehdu in konsiderazzjoni biex jigi deciz mill-qorti l-gurisdizzjoni kompetenti biex tisma' l-kaz. Mhux l-ewwel darba li qrati Maltin jiddeciedu kawza a bazi ta' "proper law" estera. Hekk, fil-kawza Mifsud noe v. Lemos noe, deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Novembru, 1959, il-kawza giet deciza a bazi tal-ligi Ingliza li nstab li kienet il-"proper law of contract." Ricentiment, din il-Qorti fil-kawza Carmelo Caruana Freeport Operations Ltd. v. Medoffshore Ltd et, deciza fit-30 ta' Novembru, 2012, intqal li "il-fatt illi ntghazlet il-ligi ingliza bhala l-ligi applikabbli ma jfissirx illi l-qrati Inglizi biss jistghu japplikaw dik il-ligi."*

Hekk ukoll f'dan il-kaz, il-fatt li ntghazlet il-ligi u l-gurisprudenza Libjana sabiex tirregola l-interpretazzjoni tal-kuntratt, wahedha ma jwassalx biex

jirradika il-gurisdizzjoni tal-Kamra Tal-Kummerc tal-Libja, li sahansitra ma tirrizultax mandatorja fl-istess ftehim. Fi kwestjonijiet fejn il-gurisdizzjoni tal-qorti qeghda tigi eskluza fi ftehim bejn il-partijiet, din trid tirrizulta b’mod car u minghajr ebda dubju u mhux fuq l-ipotetiku. Ghalkemm mill-fatti esposti qabel, il-kuntratt ghandu rabtiet mal-Libja, indubbjament il-kaz ghandu rabtiet b’sahhithom ma’ Malta wkoll, liema rabtiet huma meqjusa sufficjenti sabiex jirradikaw l-gurisdizzjoni tal-qrati Maltin a tenur tal-Artikolu 742 (1) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Jinghad ukoll li ghalkemm il-klawsola precedenti tal-kuntratt in ezami tipprovdi wkoll ghal rizoluzzjoni ta’ kwistjonijiet bejn il-partijiet in prim’istanza permezz ta’ tribunal arbitrali, huwa gurisprudenzjalment ritenut li din il-klawsola fiha nnifisha ma teskludix il-jedd tal-qrati Maltin li jezercitaw id-diskrezzjoni taghhom dwar jekk iwarrbux il-gurisdizzjoni taghhom jew le taht klawsola bhal dik in kwistjoni. Anzi l-fehma l-aktar accettata tidher li hi li klawsola bhal dik ma tistax tfisser bhala li tezawtora ghal kollox u minn qabel il-gursidizzjoni tal-qorti li tal-inqas tistharreg il-kwestjoni. (ara f’dan is-sens is-sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili tal-11 ta’ Dicembru, 2003, fl-ismijiet **Peter Arrigo Ltd. v. Av. Dr. Christopher Cilia pro et noe.** u r-rassenja ta’ gurisprudenza hemm imsemmija).

Fattur iehor li ghandu jinghata d-debita importanza huwa l-fatt li l-klawsola 11 taghti l-fakolta` li l-arbitragg isir quddiem il-Kamra tal-Kummerc fil-Libja. Il-Libja llum ma tistax titqies l-istess pajjiz li kien jezisti fiz-zmien meta kien konkluz il-ftehim in kwistjoni, fis-sens li l-Libja ghaddiet minn hafna taqbid u tibdil, li wassal sabiex illum il-gurnata l-Libja hija governata minn zewg fazzjonijiet politici separati, dak ta' Tobruk u dak ta' Tripoli. Dan l-istat ta' incertezza certament ma jaghti ebda serhan il-mohh sabiex s-socjeta` attrici appellanti tressaq il-kaz taghha permezz t'arbitragg fil-Libja.

Dan qieghed jinghad ukoll a bazi tal-principji enuncjati fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-20 ta' April, 2001 fl-ismijiet **Sydney Ellul Sullivan noe. v. David Jones et nomine**, fejn inghad:

> *"Fil-kawza "Reginald Micallef et nomine vs Chev. Silvio Mifsud et nomine" deciza fil-26 ta' Novembru 1991, l-Onorabbli Qorti tal-Appell kellha l-okkazzjoni li tippronunzja ruhha appuntu fuq dan il-punt. Fl-imsemmija kawza gew esaminati varji sentenzi precedenti li kienu jittrattaw dwar din l-istess materja. L-imsemmija Qorti qalet li l-gurisprudenza taghna tammetti l-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-qrati maltin, pero' mhux meta dan jkun ta' pregudizzju ghar-ricevitur fis-sens illi jkun ghalih impossibli li jippersegwixxi l-kawza quddiem il-Qorti maghzula mill-konvenut u mhux meta, fic-cirkostanzi tal-kaz, jkun aktar sewwa li l-kawza ssir hawn Malta stante li jkun il-post fejn l-ahjar li jistghu jsiru l-provi u b'anqas spejjez."*

Hekk ukoll fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-7 ta' Ottubru, 2004, fl-ismijiet **Leslie Causon nomine v. Godwin Abela noe et,** intqal:

> *"Madankollu bhal fil-kaz ta' kull klawsola arbitrali f'ghadd ta' kuntratti kummercjali, ir-regola tal-pratticita' dejjem wasslet biex il-Qrati Maltin qiesu li, minkejja klawsola bhal dik, huma kellhom is-setgha li jisimghu kawza mressqa quddiemhom meta l-kwestjoni tkun tirrigwarda verifika ta' danni li jew ma tistax issir hlief f'Malta, jew li ma jkunx ekonomikament xieraq li l-kawza ssir fit-tribunal maghzul fil-klawsola jew fejn iz-zmien ghas-soluzzjoni tal-kwestjoni jitwal bla bzonn jekk kemm-il darba tigi segwita l-gurisdizzjoni msemmija fil-klawsola, jew fejn ikun hem bizgha fondat li r-rikors ghat-tribunal imsemmi fil-klawsola jkun wiehed li ma jaghti l-ebda rimedju effettiv lill-parti fil-kwestjoni;"*

Din il-Qorti taqbel pjenament ma' dawn il-principji u taghmilhom taghha peress li f'dan il-kaz ukoll, bis-sitwazzjoni prezenti fil-Libja, ma jirrizultax li s-socjeta` attrici appellanti tista' tressaq il-pretensjonijiet taghha bl-ahjar mod quddiem tribunal arbitrali fil-Libja minghajr diffikultajiet kbar. Dawn jinkludu konsiderazzjonijiet ta' spejjez u ta' incertezza kbira li ndubbjament ittawwlu l-proceduri bla bzonn, bi pregudizzju serju ghall-appellanti, kif ukoll in-nuqqas ta' sigurta` li wiehed isib fl-imsemmi pajjiz.

Dawn l-istess principji hawn qabel enuncjati ghandhom japplikaw ukoll in kwantu ghat-tielet eccezzjoni tal-appellat li permezz taghha jinghad li kull interpellazzjoni fil-gurisdizzjoni Maltija hija vessatorja u irregolari peress li ma sar ebda tentattiv fil-gurisdizzjoni maghzula u pattwita bejn il-partijiet. Ghalkemm fir-rikors promotur taghha s-socjeta` attrici tghid li ghamlet diversi talbiet ghall-hlas kemm verbali u kemm bil-kitba, fil-fatt ma ressqet ebda prova ta' tentattiv sabiex tinterpella lill-konvenut quddiem tribunal arbitrali Libjan. Jirrizulta wkoll, min naha l-ohra, li l-konvenut ma ressaq ebda prova li ser isofri xi pregudizzju jew prova ta'

vessatorjeta' li jista jinholoq fil-konfront tieghu, bil-fatt li l-kawza tinstama' mill-qrati Maltin. Barra minn hekk, jezistu c-cirkostanzi mehtiega sabiex kif inghad qabel, il-Qrati Maltin jisimghu u jiddeciedu l-kaz odjern.

Ghalhekk l-aggravju tal-appellanti li din il-Qorti tgawdi mill-gurisdizzjoni mehtiega biex tiddeciedi l-mertu tal-kawza u li mhijiex eskluza bl-ebda mod milli tiddetermina l-obbligu ta' hlas da parti tal-intimat appellat lill-appellanti, ghar-ragunijiet kollha fuq esposti, jirrizulta gustifikat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` attrici billi filwaqt li tilqa' l-istess, tirrevoka s-sentenza tat-30 ta' Marzu, 2012, moghtija f'din il-kawza, tichad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut u minflok tiddikjara li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandha s-setgha li tisma' l-kawza mressqa u li l-klawsola gurisdizzjonali invokata mill-konvenut appellat mhix ta' xkiel li l-azzjoni odjerna tinstama' minn dawn il-qrati li ghandhom jiehdu konjizzjoni u jiddeciedu l-kawza odjerna.

Tordna li l-atti jigu rinvjati lill-Prim'Awla Tal-Qorti Civili sabiex tidhol fil-mertu tat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u dan sabiex jigi salvagwardjat il-principju tad-*doppio esame.*

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi, in vista tac-cirkostanzi tal-kaz, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df